MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1292/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Dominic Scicluna (K.I. 622282M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, tmien mija u tlieta u tmenin ewro w wiehed u tmenin centezmu (€1,883.81) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokument ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lil-istess intimat.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax i-risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tal-18 ta’ Ottubru, 2010 fejn taht gurmanet ammetta t-talba fil-konfront tieghu izda talab li jhallas s-somma mitluba ratejalment.

Illi s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tirbunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------